## QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 11**

**Rikors Maħluf Numru 1105/2022 NC**

**BNF Bank plc ġja' Banif Bank (Malta) plc**

**vs.**

**Robert Fleri Soler**

Illum il-15 ta' Diċembru 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-bank attur BNF Bank plc ġja' Banif Bank (Malta) plc (*a fol.* 1 *et seq.*) ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2022 li jgħid hekk:

> *"1. Illi l-kumpannija esponenti hi Bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta' Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;*

*2. Illi l-konvenut huwa klijent tal-kumpannija esponenti u ħa self mingħandha;*

*3. Illi dan is-self jikkonsisti fis-segwenti:*

- *House Loan ta' mija u ħmistax-il elf Euro (€115,000), li tikkonċerna Account numru 489042 71 001, u*

- *Buy-To-Let Loan ta' disgħin elf Euro (€90,000), li tikkonċerna Account numru 489042 71 002, u*

- *House Equity Loan ta' sitta u tletin elf Euro (€36,000), li tikkonċerna Account numru 489042 71 003;*

*4. Illi dan is-self ġie konċess ai termini ta' Credit Agreement datat 1 t'Ottubru 2015 u kuntratt pubbliku datat 2 ta' Marzu 2016 in atti tan-nutar Dr Peter Fleri-Soler (ara Dok. 'A' u Dok. 'B' rispettivament) u dan għall-iskopijiet kif stipulat fi klawsola 2 tal-imsemmi Credit Agreement;*

*5. Illi l-konvenut naqas milli jħallas lura dan is-self u l-ammont dovut minnu, hu kif ġej:*

- *mitt elf u tnejn u disa' mija u ħamsa u tmenin Euro u tnejn u għoxrin ċenteżmu (€102,985.22) dovuti fuq il-House Loan fuq imsemmi u li sas-7 t'Ottubru 2022 kienu jinkludu mgħaxijiet ta' sebat elef u sitt mija u ħmistax-il Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€7,615.54) (ara statement Bankarju mmarkat Dok. 'C'), u*

- *erbgħa u tmenin elf u disa' mija u sitta u disgħin Euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€84,996.45) dovuti fuq il-Buy-To-Let Loan fuq imsemmi u li sas-7 t'Ottubru 2022 kienu jinkludu mgħaxijiet ta' tmint elef u tlett mija u tmintax-il Euro u tmien ċenteżmi (€8,318.08) (ara statement Bankarju mmarkat Dok. 'D'), u*

- *tnejn u tletin elf u erba' mija u sitta u erbgħin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€32,446.72) dovuti fuq il-House Equity Loan fuq imsemmi u li sas-7 t'Ottubru 2022 kienu jinkludu mgħaxijiet t'elfejn u tlett mija u ħamsa u disgħin Euro u sebgħin ċenteżmu (€2,395.70) (ara statement Bankarju mmarkat Dok. 'E');*

*6. Illi minbarra dan is-self, il-kumpannija esponenti kkonċediet lill-konvenut l-użu ta' Credit Card ukoll u dan permezz ta' Credit Card Agreement datat 12 ta' Marzu 2016 u l-Credit Card Opening Form relattiva (ara Dok. 'F' u Dok. 'G' rispettivament) u fuq din il-Credit Card li ġġib in-numru 4196 7960 0014 7578, l-konvenut għandu mal-kumpannija esponenti dejn ta' tlett mija u ħamsa u sittin Euro u tletin ċenteżmu (€365.30) li sas-7 t'Ottubru 2022, kien jinkludi Euro u sittax-il ċenteżmu (€1.16) f'imgħaxijiet (ara Dok. 'H');*

*7. Illi l-ammonti hawn fuq imsemmija, saru dovuti lkoll lill-kumpannija esponenti fl-intier tagħhom, in kwantu l-House Loan, l-Buy-To-Let Loan u l-House Equity Loan, ai termini ta' klawsola 15 tal-Credit Agreement immarkat Dok. 'A' u kif ukoll tal-kuntratt pubbliku mmarkat Dok. 'B' (ara markar bl-aħdar); u in kwantu l-Credit Card, ai termini ta' klawsola 11 tal-Credit Card Agreement immarkat Dok. 'F' u dan għax kif stipulat hemmhekk, seħħew waħda jew aktar mill-events of default imsemmija f'dawk il-kuntratti, partikolarment, iżda mhux esklussivament:*

*"(a) Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*(b) The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*(k) In the opinion of the Bank, a material adverse change in the financial condition of the Borrower/s occurs;*

*(n) Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives grounds for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";*

*8. Illi mbagħad fuq Current Account numru 489042 10 001, appartanenti lill-konvenut (ara Account Opening Form immarkat Dok. 'I'), hemm dovuti elf u ħamsa u għoxrin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€1,025.61) li sas-7 t'Ottubru 2022 kienu jinkludu mgħaxijiet t'Euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (€1.99) (ara statement Bankarju mmarkat Dok. 'J') u dan l-ammont jikkonsisti fi spejjeż Bankarji marbuta mad-dejn ġja' msemmi aktar l' fuq;*

*9. Illi in vista tas-suespost, l-ammont dovut mill-konvenut lill-kumpannija esponenti sas-7 t'Ottubru 2022, kien ta' mitejn u wieħed u għoxrin elf u tmien mija u dsatax-il Euro u tletin ċenteżmu (€221,819.30);*

*10. Illi l-kumpannija esponenti ttentat tinterpella lill-konvenut diversi drabi biex iħallasha d-dejn, fosthom permezz t'ittra legali datata 25 ta' Marzu 2021 (ara Dok. 'K') u ittra uffiċjali numru 4012/2021 datata 23 ta' Settembru, 2021 u preżentata fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti (ara Dok. 'L'), iżda dan baqa' inadempjenti;*

*11. Illi l-kreditu tal-kumpannija esponenti huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet esponenti;*

*12. Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, l-kumpannija esponenti titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; u*

*2. tiddikjara li l-konvenut sar debitur tal-kumpannija esponenti fl-ammont ta' €221,819.30; u*

*3. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-kumpannija esponenti l-ammont ta' €221,819.30;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet mis-7 t'Ottubru 2022 sad-data tal-pagament effettiv. L-imgħaxijiet qed jintalbu bir-rata ta':*

- *sebgħa punt disgħa ħamsa fil-mija (7.95%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-House Loan fuq imsemmi; u disgħa punt ħamsa żero fil-mija (9.50%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Buy-To-Let Loan fuq imsemmi; u disgħa punt ħamsa ħamsa fil-mija (9.55%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-House Equity Loan fuq imsemmi; u dan ai termini tal-klawsoli 6 u 15 tal-Credit Agreement u kif ukoll tal-kuntratt pubbliku (ara markar bir-roża) fuq imsemmija, rispettivament immarkati Dok. 'A' u Dok. 'B';*

- *tmienja punt tnejn ħamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu l-ammont dovut fuq il-Credit Card fuq imsemmi u dan ai termini ta' klawsola 4 tal-Credit Card Agreement fuq imsemmi, immarkat Dok. 'F', u*

- *bir-rata t'għaxra fil-mija (10%) fis-sena in kwantu l-bilanċ dovut fuq il-Current Account fuq imsemmi u dan abbażi tal-General Terms And Conditions u t-Tariff Of Charges relattivi (ara Dok. 'M' u Dok. 'N' u b'mod partikolari l-immarkar bl-aħdar fuq Dok. 'N') msemmi aktar 'l fuq.*

*Il-konvenut huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni u dan b'rizerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-kumpannija esponenti fil-konfront tal-istess konvenut."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 78) tat-22 ta' Novembru 2022 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tallum

u li l-konvenut ġie ordnat sabiex jidher illum u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-bank attur.

Rat illi fis-seduta tallum deher il-konvenut Robert Fleri Soler assistit mill-konsulent legali tiegħu fejn il-konvenut ta' ruħu bħala notifikat bir-Rikors Maħluf, bl-Avviż ta' Smiegħ u bid-digriet ta' din il-Qorti tat-22 ta' Novembru 2022 u f'liema seduta ġiet ippreżentata Nota ta' ammissjoni tal-konvenut għat-talbiet hekk kif dedotti fir-Rikors Maħluf.

**Ikkunsidrat**

Illi l-kawża odjerna tirrigwarda self li l-konvenut ħa minn għand il-bank attur fejn ġie mitlub, fost l-oħrajn, li l-Qorti tiddikjara li l-konvenut sar debitur tagħha fl-ammont ta' €221,819.30 u fejn il-Qorti ġiet mitluba wkoll tikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont imsemmi lill-bank attur u dan apparti l-ispejjeż u l-imgħax hekk kif mitlub fir-Rikors Maħluf.

Illi ġiet ippreżentata Nota ta' Ammissjoni tal-konvenut Robert Fleri Soler fejn fiha ammetta t-talbiet tal-bank attur hekk kif dedotti fir-Rikors Maħluf.

**Ikkunsidrat**

Illi Artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-Qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha".

Illi fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Kimberley Joy Agius vs. Direttur tas-Sigurta' Soċjali** (Numru 17/2010) deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) saħqet is-segwenti:

> "Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija *regina probationum* u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara

**Carmelo Bonnici nomine vs. Ronald Farrugia et**, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza għal dak li ngħad f'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Grima vs. Alfred Attard et** (Numru 3/2013), fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

"Fil-fehma tal-Qorti l-appellata għandha raġun, fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut l-ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi fuq ammissjoni u mhux tiddikjara l-mertu eżawrit".

**Ikkunsidrat**

Illi ladarba fil-każ odjern il-Qorti għandha Nota ta' Ammissjoni ppreżentata mill-konvenut Fleri Soler, permezz ta' liema Nota l-konvenut iddikjara li kien qed jammetti t-talbiet tal-bank attur hekk kif dedotti fir-Rikors Maħluf, b'hekk la hemm qbil minn naħa tal-konvenut fir-rigward ta' dak mitlub u dedott mill-bank attur, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mill-bank attur. Di fatti, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-22 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs. Justin Micallef Grimaud** (Numru 688/2021) meta qalet hekk:

"Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess."

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-ewwel (1) talba tal-bank attur stante li ġiet ippreżentata Nota ta' Ammissjoni fis-seduta tallum;

(2) Tilqa' t-tieni (2) talba u tiddikjara li l-konvenut Robert Fleri Soler huwa debitur tal-bank attur fl-ammont ta' mitejn u wieħed u għoxrin elf, tmien mija u dsatax-il Euro u tletin ċenteżmu (€221,819.30);

(3) Tilqa' t-tielet (3) talba u tikkundanna lill-istess konvenut Robert Fleri Soler iħallas lill-bank attur is-somma ta' mitejn u wieħed u għoxrin elf, tmien mija u dsatax-il Euro u tletin ċenteżmu (€221,819.30).

Finalment, il-Qorti tordna li l-ispejjeż kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri u l-imgħax legali mis-7 ta' Ottubru 2022 sad-data tal-ħlas effettiv hekk kif mitluba fir-Rikors Maħluf tal-bank attur jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenut Robert Fleri Soler.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**